MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1098/2011

**J.M. Vassallo Vibro Street Limited**

**vs**

**Tal-Maghtab Construction Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ J.M. Vassallo Vibro Street Limited, li in forza tieghu, wara li ppremettiet illi:

L-esponenti tinsab kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ sebgha u tletin elf, mitejn u disgha u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€37,279.56), bilanc ta’ prezz ta’ hadid mibjugh u konsenjat lilha, dovut fil-31 ta’ Ottubru 2011, oltre l-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Novembru 2011, kif jidher dettaljat fis-*sales statement* hawn anness u mmarkat Dokument A.

Minkejja li s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi, anke ufficjalment, sabiex thallas l-ammont hekk dovut minnha, u minkejja li ma tikkontestax li din is-somma hija dovuta, sal-lum baqghet ma hallsitx.

Jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-esponenti, is-socjeta’ konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi.

Talbet is-socjeta’ attrici tghid sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh taghha ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

Konsegwentement, tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-esponenti s-somma ta’ sebgha u tletin elf, mitejn u disgha u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€37,279.56), bilanc ta’ prezz ta’ hadid mibjugh u konsenjat lilha, kif fuq spjegat, bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Novembru 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja datata 20 ta’ Jannar 2011, u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat u bl-imghaxijiet kummercjali, inkluzi dawk dovuti skond l-artikoli 26A sa 26E tal-Kodici tal-Kummerc u d-direttiva 2000/35EC, sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta, li tibqa’ ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tas-socjeta’ intimata Tal-Maghtab Construction Limited, li permezz taghha, tammetti t-talbiet attrici.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, tilqa' t-talbiet ta' J.M. Vassallo Vibro Street Limited u tikkundanna lil Tal-Maghtab Construction Limited thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sebgha u tletin elf, mitejn u disgha u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€37,279.56), bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Tal-Maghtab Construction Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------